

Brussell, 12 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15365/17

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0320 (NLE)

FISC 337
ECOFIN 1082

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-lżvezja tapplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fuq l-elettriku kkonsmat minn familji u kumpaniji fis-settur tas-servizzi li jinsabu f'ċerti żoni fit-Tramuntana tal-lżvezja b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2017/...

ta'...

**li tawtorizza lill-Iżvezja tapplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fuq l-elettriku
kkonsmat minn familji u kumpaniji fis-settur tas-servizzi
li jinsabu f'ċerti żoni fit-Tramuntana tal-Iżvezja
b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/47/KE¹ tawtorizza lill-Iżvezja biex, sal-31 ta' Diċembru 2017, tapplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa għall-elettriku kkonsmat minn familji u kumpaniji fis-settur tas-servizzi f'ċerti żoni fit-tramuntana tal-Iżvezja ("il-benefiċjarji") skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE.
- (2) Permezz tal-ittra tal-10 ta' Mejju 2017, l-Iżvezja talbet awtorizzazzjoni biex tkompli tapplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa għall-elettriku kkonsmat mill-benefiċjarji għal perijodu ulterjuri ta' sitt snin oħra, sal-31 ta' Diċembru 2023. Jenħtieġ li t-tnaqqis ikun limitat għal SEK 96 għal kull MWh. Permezz tal-ittra tal-1 ta' Settembru 2017, l-Iżvezja baġtet informazzjoni addizzjonali u kjarifiki.
- (3) Fiż-żoni ġeografiċi kkonċernati, l-ispejjeż tat-tisħin huma, bħala medja, 30 % ogħla milli huma fil-bqija tal-pajjiż, minħabba l-perijodu ta' tisħin itwal. Għalhekk, it-tnaqqis tal-ispejjeż tal-elettriku għall-benefiċjarji jnaqqas id-distakk bejn l-ispejjeż globali tat-tisħin għall-konsumaturi fit-tramuntana tal-Iżvezja u dawk imġarrba mill-konsumaturi fil-bqija tal-pajjiż. Għalhekk, il-miżura tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet reġjonali u tal-politika ta' koeżjoni. Jenħtieġ li t-tnaqqis tat-taxxa ma jaqbix dak li huwa meħtieġ sabiex jikkumpensa għall-ispejjeż addizzjonali tat-tisħin għal kull unità mġarrba mill-konsumaturi fiż-żoni ġeografiċi kkonċernati.
- (4) Ir-rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa jenħtieġ li jkunu ogħla mir-rati minimi stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2003/96/KE.

¹ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2012/47/UE tal-24 ta' Jannar 2012 li tawtorizza lill-Isvezja biex tapplika rata mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq l-elettriku kkonsmat minn familji u kumpaniji fis-settur tas-servizzi li jinsabu f'ċerti żoni fit-tramuntana tal-Isvezja b'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE (ĠU L 26, 28.01.2012, p. 33).

- (5) Il-miżura mhijiex mistennija li twassal għal distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni jew għal bidliet fil-kummerċ bejn l-Istati Membri minħabba: in-natura remota taż-żoni li għalihom tapplika; il-fatt li t-tnaqqis ma jenħtiegħ jaqbeż l-ispejjeż addizzjonali tat-tiżnin fit-tramuntana tal-Iżvezja; u l-limitazzjoni tal-miżura għal familji u kumpaniji fis-settur tas-servizzi.
- (6) Għalhekk, il-miżura hija aċċettabbli mill-aspett tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern u tal-ħtieġa biex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta. Hija kompatibbli wkoll mal-politiki tal-Unjoni fl-oqsma tas-saħħa, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport.
- (7) Fid-dawl tal-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Artikolu għandu jkollha żmien strettament limitat. Sabiex tipprova lill-benefiċjarji b'livell suffiċjenti ta' ċertezza, jenħtiegħ li l-awtorizzazzjoni tingħata għal perijodu ta' sitt snin. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat.
- (8) Jenħtiegħ li l-awtorizzazzjoni mogħtija skont id-Deċiżjoni 2012/47/UE tibqa' tapplika sabiex jiġi evitat li jinħoloq vojt bejn l-iskadenza ta' dik id-Deċiżjoni u d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Iżvezja hija b'dan awtorizzata li tapplika rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fuq l-elettriku kkonsmat minn familji u kumpaniji fis-settur tas-servizzi li jinsabu fil-muniċipalitajiet elenkati fl-Anness.

Dan it-tnaqqis mir-rata nazzjonali standard tad-dazju tas-sisa għall-elettriku ma għandux jaqbeż dak li huwa meħtieġ sabiex jikkumpensa għall-ispejjeż addizzjonali għat-tisħin fiż-żona tat-tramuntana, meta mqabbel mal-bqija tal-Iżvezja, u ma għandux jaqbeż is-SEK 96 għal kull MWh.

2. Ir-rati mnaqqsa għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2003/96/KE, u b'mod partikolari mar-rati minimi stabbiliti fl-Artikolu 10 tagħha.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tan-notifika tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Iżvezja.

Magħmul fi Brussell...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNES

Reġjuni	Muniċipalitajiet
Norrbottens län	Il-muniċipalitajiet kollha
Västerbottens län	Il-muniċipalitajiet kollha
Jämtlands län	Il-muniċipalitajiet kollha
Västernorrlands län	Sollefteå, Ånge, Örnsköldsvik
Gävleborgs län	Ljusdal
Dalarnas län	Malung-Sälen, Mora, Orsa, Älvdalen
Värmlands län	Torsby